**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 003/2019**

**XC ('l-ilmentatrici')**

**vs**

**Global Insurance Brokers Ltd.**

**(C 9923) ('Global') u**

**MIB Insurance Agency Ltd.**

**(C 42111) ('MIB')**

**Seduta tas-27 ta' Jannar 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici tissottometti illi hija ma inghatatx kumpens mill-provdituri tas-servizz 'il fuq imsemmija meta hija u habibitha kienu hallsu lill-*Global* sabiex ikunu assikurati ghal safra li kienu ser jaghmlu.

Hija hallset kollox bil-quddiem, l-*insurance* u l-*excursions.* Hija inghatat karta u *self-addressed envelope* sabiex fih tpoggi l-karta tat-tabib peress li kellha l-età u riedet konferma medika li setghet issiefer.

Hija marret dakinhar stess li marret l-*insurance* ghand it-tabib u impostat il-karta li inghatat bil-firma tat-tabib dakinhar stess, jigifieri, fis-27 ta' Gunju 2018.

Il-habiba taghha kellha tiddahhal urgenti l-isptar u, peress li l-ilmentatrici kienet tiddependi fuqha, anke l-organizzaturi tat-*tour* tawha parir li ma ssifirx waheda minghajr il-habiba taghha.

Meta wara marret ghand l-*insurance* biex tinfurmahom li ma kinetx ser issiefer, qalulha li l-formola li fuqha ffirma t-tabib ma kinetx waslitilhom. Qalulha li kif

jircevuha kienu ser icemplulha izda, peress li ma cemplux, regghet marret hi u regghu qalulha li l-karta ma waslitilhomx. Però, x'hin marret lura d-dar qalulha li kienet waslet.

Minhabba d-dewmien tal-posta, li fuqha ma kellhiex kontroll, tal-*insurance* irrifjutaw il-*claim* taghha.

Hi tghid li ma kien hemm l-ebda problema medika biex jinxurjawha.

Qieghda titlob l-ammont ta' €930, l-ispiza tal-vjagg.

**Ra r-risposta**[1] qasira tal-*MIB* fejn jghidu li peress li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni mahruga ghal dak il-perjodu tas-safar ma jistghux jifthu *claim* f'isem l-ilmentatrici.

**Ra** li *Global* huma kontumaci u li ssottomettew nota ta' osservazzjonijiet kif **awtorizzati permezz ta' provediment moghti mill-Arbitru.**[2]

**Jikkonsidra**

L-ilmentatrici xehdet quddiem l-Arbitru[3] fejn qalet li originarjament kienet inghatat karta sabiex tehodha ghand it-tabib sabiex jiffirmaha. Meta marret ghand l-'*insurance*' (*Global*) kienet hadet certifikat tat-tabib u qalulha li ried jiffirma fuq il-karta taghha. Hija marret ghand it-tabib u qalilha li kienet b'sahhitha u setghet issiefer.

Qabel dan, jigifieri meta kienet marret ghand il-*Global,* dawn kienu qalulha li ma kellhiex ghalfejn terga' tmur lura bil-formola iffirmata mit-tabib u tawha *self-addressed envelope* biex timpostaha go fih. Dakinhar stess fis-1.00 p.m. impostat din il-formola iffirmata mit-tabib.

Hi bdiet iccempel l-*insurance* biex tara jekk il-karta waslitx izda hadd ma beda jirrispondiha.

Sadanittant sehbitha li kienet ser issiefer maghha, u li flimkien kienu hallsu ghall-polza, iddahhlet l-isptar u kienet f'qaghda hazina hafna tant li kienet fil-periklu tal-mewt. Ghalhekk kellhom ihassru s-safra.

---

[1] *A Fol.* 25
[2] *A Fol.* 60
[3] *A Fol.* 51

Tghid li ghalkemm setghet timxi fizikament minghajr Angela ma ssifirx.

Xi jumejn qabel kellha ssir is-safra, il-*Global* cemplulha u qalulha li kienu sabuha l-formola iffirmata mit-tabib '*imma issa kien too late*'.

L-ilmentatrici ssostni li ma kienx it-tort taghha li dik il-formola waslet tard.

**Min-naha tal-*MIB Insurance Agency Ltd* xehed Rein Caruana,** fejn qal li huma ma jiltaqghux ma' klijenti direttament u jahdmu permezz tal-*brokers.* Peress li huma jirrapprezentaw lill-*underwriters*, li huma *Lloyds,* dawn jinsistu li jibghatulhom id-dokumenti relattivi sabiex jassessjaw ir-riskji.

F'kaz ta' persuni li jkollhom aktar minn 65 sena jinsistu li jkunu certifikati minn tabib u, sabiex ikunu certi li dawn ghamlu hekk, ghandhom formola apposta li jaghtuha lill-*brokers* biex huma jghadduha lill-klijenti.

Jghid li f'dan il-kaz, ghalihom il-klijenti ma kinux inxurjati ghaliex '*ir-riskju qatt ma wasal ghandna. Ahna qatt ma rcevejna l-assikurazzjoni minghand il-broker. Allura skont ahna l-ilmentaturi m'humiex assikurati'.*[4]

Minghajr il-firma tat-tabib ma kinux jinxurjaw.

Il-kwistjoni kollha hi jekk hemmx responsabbiltà mill-provdituri tas-servizz f'dak li gara u jekk l-ilmentatrici ghandhiex tigi indennizzata u, fil-kaz, minn min.

**M'hemm l-ebda kwistjoni li l-*MIB* qatt ma kellhom kuntatt mal-ilmentatrici, hi qatt ma kellmithom u li n-negozju sar biss ma' *Global*. Ghalhekk, l-Arbitru m'ghandu l-ebda ezitazzjoni jiddeciedi li l-*MIB* ma tiffigurax f'dan il-kaz u qed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.**

Ghalhekk il-kwistjoni tibqa' jekk *Global* kellhomx responsabbiltà f'dak li gara.

## Kunsiderazzjonijiet Ohra

Il-kittieb John Birds, fil-ktieb tieghu *Birds' Modern Insurance Law,* jghid li kuntratt ta' assikurazzjoni ghandu hafna min-natura ta' kuntratt generali f'dawk li huma rekwiziti biex jigi deciz jekk ikunx intlahaq ftehim jew le bejn il-partijiet.

[4] *A Fol.* 52

Fil-fatt, jghid hekk:

'*The insurance contract is no exception to the general rule requiring offer, acceptance, agreement, consideration and intention to create legal relations in order to find a binding legal contract.'*[5]

Hafna drabi l-offerta (*offer*) issir mill-assikurat prospettiv u din tista' tigi accettata mill-assikurazzjoni jew rapprezentant taghha anke b'xi kundizzjonijiet.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li l-ilmentatrici, flimkien ma' sehbitha, kienu marru ghand *Global* li accetta li jassigurahom u anke ha l-flus tal-*premium* tal-assikurazzjoni. L-unika kundizzjoni li kien ghamlilhom hi li tigi iffirmata formola mit-tabib li turi li setghu isiefru. L-ilmentatrici, min-naha taghha, issodisfat din il-kundizzjoni billi l-ewwel hadet certifikat ta' tabib li kkonferma li setghet issiefer, imbaghad, fuq rikjesta tal-*Global*, regghet marret ghand it-tabib li ffirmalha l-istess formola li setghet issiefer. Dik kienet l-unika kundizzjoni li ghamel *Global* sabiex il-kuntratt ikun maghluq.

Huwa wkoll qalilha li kellha timposta din il-formola f'envelopp li taha apposta. Anke skont ma jghid il-*Global* fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-ilmentatrici impostat din il-formola fis-27 ta' Gunju 2018, jigifieri, dakinhar stess li inghatat il-formola. Jidher car li l-ilmentatrici osservat il-ftehim milhuq ma' *Global* skrupolozament, u l-fatt li wara rrizulta li tal-posta ghamlu xi zball ma jnaqqas xejn mill-osservanza taghha tal-obbligazzjoni milhuqa ma' *Global.*

Ghalhekk galadarba giet sodisfatta din il-kundizzjoni fis-27 ta' Gunju 2018, l-obbligazzjoni li dahlet ghaliha l-ilmentatrici irrealizzat ruhha u ghaliha hija kienet inxurjata mill-*Global.*

Meta *Global* accetta l-flus tal-*premium* kien qed jikkonferma li skont hu l-ilmentatrici kienet '*insurable*'. Kien konxju minn dan ghaliex l-ilmentatrici kienet digà tatu prova bic-certifikat li kienet f'kundizzjoni ta' sahha li ssiefer izda ried din il-konferma fuq il-formola ghaliex dik kienet il-procedura. Ir-raguni ghal din il-formalità spjegaha Rein Caruana li kien jirrapprezenta lill-*underwriters.*

---

[5] *Birds, Birds' Modern Insurance Law* (*Sweet and Maxwell*) *(Tenth Edition*) p. 89

Huwa xehed hekk:

'*Ahna, f'dan il-kaz, minn 65 'il fuq, ninsistu li jkunu certifikati minn tabib. U, sabiex inkunu certi li dawn verament marru ghand it-tabib, ahna ghandna formola apposta li naghtuha lill-brokers biex huma jghadduha lill-klijenti.'*

Dan ifisser li l-uniku skop ta' din il-formola kien li jkollhom evidenza li l-assikurat ikun mar ghand tabib.

Din l-evidenza l-ilmentatrici issodisfatha, haga li rrikonoxxa *Global* fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu meta jghid:

'*Fid-dawl li huma ghandhom l-età … pprezentaw certifikat mediku li jikkonferma li huma kapaci li jivvjaggaw'.*[6]

Però, l-formola li taha waslet tard ghandhom. Imma l-istess *Global* jghid fl-istess nota li meta waslet ghandhom il-formola fl-4 ta' Lulju 2018, wiehed seta' jara zewg timbri: wiehed tas-27 ta' Gunju u l-iehor tat-2 ta' Lulju 2018, u dan fis-*self-addressed envelope* li kien taha *Global.* Ghalhekk, *ex admissis* minn *Global*, l-ilmentatrici impostat l-*envelope* li taha hu dakinhar stess li tahulha, jigifieri, fis-27 ta' Gunju 2018.

Jammetti wkoll li l-ilmentatrici agixxiet b'mod genwin:

'*Illi l-esponenti m'ghandu ebda dubju dwar il-genwinità tal-kaz peress li l-fatti huma cari u kristallini izda fl-istess hin qatt ma setghet tinhareg il-polza peress li hija sine qua non li l-formula mimlija hija rekwizit essenzjali biex tinhareg il-polza'.*[7]

L-Arbitru ma jaqbilx li *Global* m'ghandux jerfa' r-responsabbiltà. Meta l-ilmentatrici impostat l-ittra hija qdiet l-obbligi taghha, u mill-fatti johrog car li dak li jghid Bird dwar ir-rekwiziti biex kuntratt ikun komplut intlahqu: kien hemm offerta u accettazzjoni taghha b'kundizzjoni li giet sodisfatta min-naha tal-ilmentatrici; kien hemm konsiderazzjoni; intlahaq ftehim dwar it-tip ta' assigurazzjoni u kien hemm l-intenzjoni li jinholqu relazzjonijiet legali.

---

[6] *A Fol.* 61
[7] *A Fol.* 62

Ukoll, skont il-provedimenti tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jrid fuq kollox jaghti kaz ta' dak li, fil-fehma tieghu, **huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.** Dan johrog car mill-Artiklu 19(3)(b) tal-istess Att.

Ma jkunx ekwu, gust u ragonevoli li *Global* ma jassumix responsabbiltà ghal dak li gara.

L-Arbitru jhoss li galadarba *Global* qalu lill-ilmentatrici li l-unika haga li kellha taghmel kienet li timposta l-formola iffirmata mit-tabib, (haga li l-ilmentatrici skrupolozament ghamlet fil-hin), u kienu sodisfatti r-rekwiziti kollha biex tigi inxurjata - (kienet *insurable)* - dan ukoll iwassal lill-Arbitru jifhem li kienet iffirmat kwalunkwe dokumentazzjoni necessarja peress li gie stabbilit li l-ilmentatrici ma kellhiex ghalfejn terga' tmur ghand *Global.*

Il-fatt ukoll li *Global* accetta l-flus tal-*premium* holoq l-aspettattiva fl-ilmentatrici li kienet qieghda tigi inxurjata. U dan huwa kriterju iehor li jrid iqis l-Arbitru skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li l-Arbitru jrid iqis ukoll: *'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur'* fil-mument li tkun qed issir it-tranzazzjoni.[8]

Ma jkun la gust, la ekwu u lanqas ragonevoli li, galadarba l-ilmentatrici esegwiet l-obbligi taghha skont dak miftiehem, ir-riskju ta' dak li gara jaqa' fuqha. L-istorja kienet tkun differenti kieku l-ilmentatrici kellha xi impediment biex tigi inxurjata, imma kienet '*an insurable person'* tant li *Global* accetta l-flus tal-*premium,* taha l-*envelope* u qalilha li ma kellhiex ghalfejn terga' tmur l-ufficcju tieghu.

Meta *Global* ghazel il-mod kif kellu jircievi l-formola (bis-*self-addressed envelope*) kien qed jaccetta r-riskju marbut mieghu.

**Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha msemmija, kemm fuq bazi kuntrattwali kif ukoll skont dak li hu gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Mid-dokumenti esebiti jidher li l-ammont li hallset l-ilmentatrici ghall-vjagg kien ta' €930.**[9]

---

[8] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

[9] *A Fol*. 14 u 15

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artiklu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Global Insurance Brokers Ltd* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' €930.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra *Global Insurance Brokers Ltd.***

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**